MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2005

Numru 291/2001

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Magri)
vs
Jeffrey Busuttil, iben Francis,
imwieled Pieta’ fil-25 ta’ frar,
1976

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fit-13 ta’ april, 2001 għal ħabta tal-4.30 p.m. f’Ħal-Qormi, ikkometta serq ta’ van tal-għamla Toyota Hiace, bin-numru tar-reġistrazzjoni JBC 248, u ħwejjeġ oħra għad-dannu ta’ Carmel Pace minn San Gwann, liema serq hu kkwalifikat, bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor,

mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fuq il-van ta' l-għamla Toyota Hiace, bin-numru tar-reġistrazzjoni JBC 248 għad-dannu ta' Carmel Pace minn San Gwann liema ħsara teċċedi l-ħamsin lira maltin (Lm50) iżda ma teċċediex il-ħames mitt lira maltin (Lm500);
3. talli f'xi ħin matul il-lejl bejn il-21 u it-22 ta' april, 2001 ikkometta serq ta' set pjanċi minn fuq vettura ta' l-għamla Datsun 120Y, bin-numru tar-reġistrazzjoni BBB 608, għad-dannu ta' Saviour Bonnici, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
4. talli fid-9 ta' mejju, 2001 u fix-xahar ta' qabel din id-data, xjentement laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
5. talli fit-13 ta' april, 2001 u fil-ġranet ta' wara din id-data, f'dawn il-Gżejjer għamel użu u ippermetta li jsir użu minn vettura ta' l-għamla Toyota Hiace, li kellha n-numru tar-reġistrazzjoni BBB 608, li ma jappertniex lill-istess vettura u cioe' bil-pjanċi tar-reġistrazzjoni foloz, kif ukoll bin-numri ta' identifikazzjoni rispettivi tagħha li ma jappertenux għall-imsemmija vettura u cioe' bin-numri taċ-'chassis' u tal-magna foloz;
6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi f'dawn il-Gżejjer, b'hekk ġie li saq l-imsemmija vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan maħruġa f'ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija u b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' jew garanzija għal terżi persuni;
7. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tagħti l-piena skond il-liġi, tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u li Jeffrey Busuttil jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tas-sewqan għall-perjodu ta' mhux anqas minn tnax il-xahar.

Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tagħti l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-10 ta' lulju, 2002 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat

u billi tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –

a. fl-artikoli 261(ċ)(g), 267, 271, 279 u 280 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 261(b)(f)(g), 263, 270, 271, 278 u 279 tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikoli 15(1)(a)(b)(ċ)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 3(1)(2) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta’ Malta;
f. fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat in-nota tat-8 ta’ ġunju, 2005 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi procedura sommarja.

Semgħet ix-xhieda nkluza Mariella Camilleri, probation officer, li qed isegwi lill-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ ġunju, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat, lil mariella Camilleri u il-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tar-raba’ akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 49, 50, 289, 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 278, 279, 280 u 325 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 15(1)(a)(b)(ċ)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 3(1)(2) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta’ Malta. Minħabba it-trapass taż-żmien, minħabba x-xhieda ta’ Mariella Camilleri u il-fatt li llum l-imputat jidher li r-riabilta’ ruħu, għandu familja u qed jaħdem bi profitt, piena karċerarja mhiex opportuna. Għalhekk, tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ tlett mija u ħamsin lira maltin (Lm350). Fiċ-ċirkostanżi ta’ dan

il-każ mhemmx lok għas-sospensjoni tal-liċenzja tiegħu tas-sewqan.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------